VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,044, 8 ta' Marzu, 2013
Taqsima B

A.L. 106 tal-2013

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2013 dwar Impjiegi Kwalifikanti fl-Innovazzjoni u fil-Kreattività (Taxxa Personali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 56(21) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2013 dwar Impjiegi Kwalifikanti fl-Innovazzjoni u fil-Kreattività. Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013.

2. (1) F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra: Tifsir.

"arranġament artifiċjali" tinkludi arranġament li bih benefiċjarju jirċievi xi benefiċċju jew pagament, fi kwalunkwe forma, mingħand persuna li tkun relatata mal-prinċipal tiegħu u dak il-benefiċjarju ma jiddikjarax għall-iskop tat-taxxa dak il-benefiċċju jew pagament f'Malta jew inkella ma jkunx soġġett għat-taxxa fuq dak l-*income* f'Malta;

"l-Att" tfisser l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; Kap. 123.

"ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kull persuna li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat fuq il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

"dawn ir-regoli" tinkludi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 56(21) tal-Att u r-regoli li jinsabu f'dawn ir-Regoli;

"esperjenza rilevanti" tfisser tal-inqas tliet snin ta' esperjenza fi rwol komparabbli għal dak tal-kariga eliġibbli;

"interess pubbliku" tinkludi kull interess ta' sigurtà pubblika, il-ħarsien tal-ordni pubbliku, is-sigurezza nazzjonali, l-integrità territorjali, is-saħħa jew il-morali pubblika;

"jeddijiet akkwiżiti taħt din il-liġi" tfisser il-jedd ta' min jagħżel li jħallas it-taxxa bir-rata mnaqqsa ta' taxxa kontemplata fl-artikolu 56(21) tal-Att u dawn ir-regoli;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"kariga eliġibbli" hija impjieg fi rwol direttament involut fl-iżvilupp ta' prodotti diġitali innovattivi u kreattivi kif elenkati fl-Iskeda u verifikati mill-Korporazzjoni;

"Korporazzjoni" tfisser il-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta kif stabbilita bl-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta;

Kap. 463.

"il-Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

"kwalifika" tfisser kull diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali li jinħarġu minn stabbiliment edukattiv u li jiċċertifikaw it-temm b'suċċess ta' programm ta' edukazzjoni post-sekondarja, rikonoxxut miċ-Ċentru ta' Malta għall-Informazzjoni u Rikonoxximent ta' Kwalifiki kif stabbilit bl-artikolu 6(1) tal-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki.

Kap. 451.

(2) Persuna titqies li tkun relatata ma' korp ta' persuni jekk:

(a) dik il-persuna u l-korp ta' persuni jkunu, direttament jew indirettament, kontrollati jew ikunu proprjetà, li jibbenefikaw minnhom f'miżura ta' aktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%), tal-istess persuni; jew

(b) dik il-persuna ikollha bi proprjetà, direttament jew indirettament, aktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-kapital ta' ishma ordinarji jew jeddijiet ta' votazzjoni tal-korp ta' persuni.

Kuntratt kwalifikanti.

3. (1) *Income* minn kuntratt kwalifikanti ta' impjieg jikkwalifika taħt dawn ir-regoli meta dan jiġi riċevut minn benefiċjarju u jkun jikkonsisti f'*income* soġġett għat-taxxa taħt l-artikolu 4(1)(b) tal-Att (eskluż il-valur annwali ta' xi benefiċċji addizzjonali) ta' minimu ta' ħamsa u erbgħin elf euro (€45,000) u li jkun jikkonsisti f'emolumenti minn kariga eliġibbli:

Iżda l-ammont ta' *income* minimu ta' ħamsa u erbgħin elf euro (€45,000) għandu jkun aġġustat kull sena skont l-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut kif ippubblikat fil-Gazzetta mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

(2) Kuntratt kwalifikanti ta' impjieg għandu jitqies bħala tali jekk l-attività tal-impjieg kontemplata fil-kuntratt tal-impjieg tkun kariga eliġibbli.

(3) *Income* m'għandux jitqies li jkun *income* minn kuntratt kwalifikanti ta' impjieg jekk dan jitħallas minn persuna li tħaddem li tkun irċeviet xi benefiċċju jew benefiċċji taħt il-liġijiet dwar inċentivi kummerċjali jew arranġament skont il-liġijiet dwar inċentivi

kummerċjali jew jitħallas minn persuna li tkun relatata mal-persuna li tħaddem li tkun irċeviet xi benefiċċju jew benefiċċji taħt xi liġi dwar inċentivi kummerċjali jew xi arranġament skont il-liġijiet dwar inċentivi kummerċjali.

4. Il-benefiċjarju hu individwu li josserva l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin: Benefiċjarju.

(a) ikun individwu li jikseb *income* soġġett għat-taxxa taħt l-artikolu 4(1)(b) tal-Att, meta dawn ikunu emolumenti li jitħallsu taħt kuntratt kwalifikanti ta' impjieg, u li jkunu ġew riċevuti għal xogħol jew dmirijiet li jkunu twettqu f'Malta, jew dwar kull żmien mgħoddi barra minn Malta f'dak li għandu x'jaqsam ma' dak ix-xogħol jew dawk id-dmirijiet, jew fi btala waqt it-twettiq ta' dak ix-xogħol jew dawk id-dmirijiet;

(b) ikun protett bħala impjegat taħt il-liġi ta' Malta, irrispettivament mir-relazzjoni legali, bil-għan li jsir xogħol ġenwin u effettiv għal, jew taħt id-direzzjoni ta', xi ħadd ieħor, jitħallas, u jkollu l-kompetenza adegwata u speċifika meħtieġa, skont provi li jinġiebu għas-sodisfazzjon tal-Korporazzjoni;

(ċ) iġib prova għas-sodisfazzjon tal-Korporazzjoni li jkollu kwalifiki jew esperjenza rilevanti għall-kariga eliġibbli;

(d) huwa jiżvela għalkollox għal finijiet ta' taxxa u jiddikjara emolumenti li huwa jkun irċieva rigward *income* minn kuntratt kwalifikanti ta' impjieg u kull *income* riċevut minn persuna relatata mal-persuna li tħaddmu li tkun qiegħda tħallas *income* minn kuntratt kwalifikanti kif taxxabbli f'Malta;

(e) iġib prova għas-sodisfazzjon tal-Korporazzjoni li huwa jwettaq attivitajiet ta' kariga eliġibbli; u

(f) iġib prova għas-sodisfazzjon tal-Korporazzjoni li:

(i) ikun qiegħed jirċievi riżorsi stabbli u regolari li jkunu biżżejjed biex isostnu lilu u l-membri tal-familja tiegħu mingħajr ma jkollhom jirrikorru għas-sistema ta' assistenza soċjali f'Malta;

(ii) ikun joqgħod f'akkommodazzjoni li titqies bħala waħda normali għal familja paragunabbli f'Malta u li tkun konformi ma' *standards* ġenerali tas-saħħa u s-sigurtà li jkunu fis-seħħ f'Malta;

(iii) ikollu dokument tal-ivvjaġġar validu;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(iv) ikollu assigurazzjoni kontra l-mard dwar kull riskju li soltu ċittadini Maltin ikunu koperti biha kemm għalih innifsu kemm għal membri tal-familja tiegħu; u

(v) ma jkunx domiċiljat f'Malta.

Ammont minimu taxxabbli.

5. (1) Meta individwu jadotta l-għażla li għandu taħt l-artikolu 56(21) tal-Att dwar xi sena ta' stima, l-inqas ammont ta' *income* li jkun taxxabbli bir-rata mnaqqsa li hemm provdut dwarha f'dak is-subartikolu dwar dik is-sena ta' stima għandu jitqies li jkun ħamsa u erbgħin elf euro (€45,000):

Iżda l-inqas ammont ta' *income* ta' ħamsa u erbgħin elf euro (€45,000) għandu jiġi rivedut kull sena, skont ma jkun l-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut kif pubblikat fil-Gazzetta mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika:

Iżda wkoll, li kellu l-*income* minn kuntratt kwalifikanti ta' impjieg jeċċedi l-ammont ta' ħames miljun euro (€5,000,000), ma titħallas ebda taxxa oħra fuq *income* minn kuntratt kwalifikanti ta' impjieg li jeċċedi ħames miljun euro (€5,000,000):

Iżda wkoll ir-rata ta' 15% għandha tapplika mingħajr il-possibilità li jintalab xi ħelsien, tnaqqis, riduzzjoni, kreditu jew tpaċija ta' ebda xorta. Minkejja l-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi, benefiċjarju għandu jingħata tnaqqis ta' taxxa taħt l-artikolu 23 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Kap. 372.

(2) L-għażla li ssir taħt l-artikolu 56(21) tal-Att ma tista' tiġi adottata dwar ebda sena ta' stima li tiġi qabel is-sena ta' stima 2013:

Iżda l-għażla ma tistax tiġi eżerċitata fir-rigward ta' *income* miksub f'xi sena qabel is-sena li fiha l-għażla kienet ġiet approvata mill-Korporazzjoni.

Irkupru ta' benefiċċji.

6. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regola 7, l-għażla li ssir taħt l-artikolu 56(21) tal-Att għandha, dwar ċittadini taż-ŻEE jew Żvizzeri, tkun tapplika għal żmien ta' mhux aktar minn tliet snin konsekuttivi li jibdew mis-sena li tiġi qabel l-ewwel sena ta' stima li fiha dik il-persuna tkun tista' tiġi intaxxata għall-ewwel darba taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att:

Iżda jekk l-ewwel sena ta' stima tkun seħħet qabel l-2013 l-għażla għandha tkun disponibbli biss għas-sena ta' stima 2013 jew matul il-perjodu ta' erbgħa snin mill-ewwel sena ta' stima.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regola 7, l-għażla li ssir taħt l-artikolu 56(21) tal-Att għandha, dwar ċittadini

VERŻJONI ELETTRONIKA

ta' pajjiżi terzi, tkun tapplika għal żmien ta' mhux aktar minn tliet snin konsekuttivi li jibdew mis-sena li tiġi qabel l-ewwel sena ta' stima meta dik il-persuna tkun tista' tiġi intaxxata għall-ewwel darba taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att:

Iżda jekk l-ewwel sena ta' stima tkun seħħet qabel l-2013 l-għażla għandha tkun disponibbli biss għas-sena ta' stima 2013 jew matul il-perijodu ta' tliet snin mill-ewwel sena ta' stima.

(3) Drittijiet akkwiżiti taħt din il-liġi għandhom jitqiesu li jkunu ġew irtirati b'seħħ immedjat jekk l-għoti ta' benefiċċji taħt dawn ir-regoli u l-permanenza tal-benefiċjarju f'Malta ma jkunux fl-interess pubbliku.

(4) Drittijiet akkwiżiti taħt din il-liġi għandhom jitqiesu li jkunu ġew irtirati b'seħħ retrospettiv jekk benefiċjarju jkun ċittadin ta' pajjiż terz u huwa -

(a) jew fiżikament joqgħod f'Malta, b'kollox, għal aktar minn 1,460 jum; jew

(b) direttament jew indirettament jikseb jeddijiet reali fuq proprjetà immobbli li tkun tinsab f'Malta jew ikollu xi interess benefiċjarju li direttament jew indirettament ikun jikkonsisti, fost l-oħrajn, f'jeddijiet reali fuq proprjetà immobbli li tkun tinsab f'Malta.

Persuni diġà f'Malta.

7. L-għażla li ssir taħt l-artikolu 56(21) tal-Att ma tistax tiġi eżerċitata minn xi persuna li qabel kienet ibbenefikat mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu permezz ta'regoli jew regolamenti oħra magħmulin taħt l-Att:

Iżda bla preġudizzju għad-dispożizzjoni tar-regola 6(1) u (2), kull persuna li tibbenefika minn dawn ir-regoli m'għandhiex titlef id-dritt li tibbenefika jekk din il-persuna tkun offruta kuntratt ġdid ta' impjieg li huwa wkoll kkunsidrat bħala kariga eliġibbli u ma jkunx hemm aktar minn ħmistax il-ġurnata bejn it-terminazzjoni ta' kuntratt wieħed u l-bidu tal-kuntratt ta' impjieg l-ieħor.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Dispożizzjonijiet kontra l-abbuż.

8. (1) Meta persuna, sabiex tikseb xi benefiċċju taħt dawn ir-regoli, tagħmel użu minn arranġamenti artifiċjali, il-Kummissarju għandu, b'ordni bil-miktub, jistabbilixxi kemm għandha tħallas taxxa dik il-persuna, għal xi sena ta' stima, b'dak il-mod u fl-ammont li jista' jkun meħtieġ, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ biex iġib fix-xejn il-benefiċċji miksuba taħt dawn ir-regoli. Persuna li ma tkunx taqbel ma' xi ordni li tiġi lilu notifikata kif imsemmi hawn qabel, ikollha l-istess drittijiet li toġġezzjona għal dik l-ordni u li tappella minn deċiżjoni tal-Kummissarju billi tiċħad dik l-oġġezzjoni bħallikieku dik l-ordni kienet stima maħruġa taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u għandhom *mutatis mutandis* ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak l-Att dwar l-oġġezzjonijiet u l-appelli:

Kap. 372.

Iżda jekk persuna titlob xi benefiċċju taħt dawn ir-regoli meta dik il-persuna ma kellhiex jedd għal dak il-benefiċċju, dik il-persuna tista' teħel penali li tkun daqs l-ammont ta' benefiċċju mitlub u jekk il-benefiċċju jkun attwalment ġie mħallas lilha, dik il-persuna tista' b'żjieda ma' dan teħel li tħallas lura l-benefiċċju li tkun irċeviet u taxxa addizzjonali ta' sebgħa fil-mija fix-xahar jew parti minnu li tibda għaddejja mix-xahar meta dak il-benefiċċju jkun tħallas lilha sax-xahar li hija tkun ħallset lura l-benefiċċju u kull ħlas li jsir minn dik il-persuna dwar it-taxxa li terġa' titħallas minnha skont dan il-proviso għandu l-ewwel jiġi applikat kontra kull taxxa addizzjonali dovuta fuqu:

Iżda wkoll il-ħlas ta' taxxa addizzjonali li jista' jsir skont il-proviso ta' qabel dan m'għandux ikun japplika meta l-persuna hemm imsemmija ġġib prova li huwa tkun aġixxiet bonafidi.

(2) Għall-finijiet ta' din ir-regola, "benefiċċju" tfisser it-taxxa totali li li individwu jiffranka meta jagħżel li japplika dawn ir-regoli.

Talba għal informazzjoni.

9. (1) Għall-fini li jiġi aċċertat id-dritt li għandu individwu li jadotta l-għażla msemmija f'dawn ir-regoli u li tiġi żgurata l-applikazzjoni tagħha kif imiss, il-Kummissarju u l-Korporazzjoni jistgħu jeħtieġu lil individwu jipproduċi, fiż-żmien indikat mill-Kummissarju u l-Korporazzjoni f'dik it-talba, kull informazzjoni oħra u dokument ieħor hekk kif il-Kummissarju u l-Korporazzjoni jistgħu iqisu li jkun meħtieġ, inklużi ċertifikazzjonijiet u dikjarazzjonijiet tal-prinċipal ta' dak l-individwu.

(2) Jekk individwu jonqos, mingħajr ebda raġuni valida, milli jikkonforma ruħu ma' xi talba li jkollha x'taqsam mal-*income* tiegħu li ssirlu mill-Kummissarju u l-Korporazzjoni skont din ir-regola, il-Kummissarju u l-Korporazzjoni jistgħu jordnaw li l-artikolu 56(21) tal-Att m'għandux ikun japplika għal dak l-*income*. F'dak il-każ, il-

Kummissarju jista' jagħmel stima u t-taxxa fuq dak l-*income* tiġi kalkulata bir-rati provduti fl-Att mingħajr ebda riferenza għal dak is-subartikolu.

Mod kif tiġi adottata l-għażla.

10. L-għażla li ssir taħt l-artikolu 56(21) tal-Att għandha tiġi adottata permezz ta' dikjarazzjoni ffirmata mill-benefiċjarju u kontrofirmata mill-Korporazzjoni li ssir fuq dik il-formola jew b'dak il-mod li l-Kummissarju jista' jeħtieġ u tintehmeż ma' jew tiġi inkluża fil-prospett tat-taxxa għas-sena ta' stima relattiva. L-għażla ma titqiesx li tkun ġiet validament adottata kemm-il darba l-*income* li tkun tapplika għalih ma jkunx ġie dikjarat għalkollox u b'mod korrett f'dak il-prospett tat-taxxa u kemm-il darba dik id-dikjarazzjoni u l-prospett tat-taxxa ma jiġux preżentati sa mhux aktar tard mid-data stabbilita għall-prospett tat-taxxa:

Iżda meta dik id-dikjarazzjoni jew il-prospett tat-taxxa relattiv jiġu preżentati aktar tard mid-data stabbilita għall-prospett tat-taxxa, il-Kummissarju jista' jittratta l-għażla bħallikieku din tkun ġiet validament adottata jekk huwa jkun sodisfatt li d-dewmien kien dovut għal skuża raġonevoli.

Deċiżjonijiet u attestazzjonijiet.

11. (1) Għall-finijiet tar-regola 4, il-Korporazzjoni għandha toħroġ deċiżjoni formali dwar kull ħaġa li tkun trid tinġieb prova dwarha għas-sodisfazzjon tagħha kif imniżżel f'dawn ir-regoli.

(2) L-applikazzjoni għal deċiżjoni formali dwar eliġibbiltà taħt dawn ir-regoli għandha ssir fuq dik il-formola jew b'dak il-mod li l-Korporazzjoni tista' teħtieġ u għandu jkun fiha kull informazzjoni u dokument mitlub fiha.

(3) Wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni, il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja għandu jiddeċiedi jekk il-permanenza ta' benefiċjarju f'Malta tkunx waħda fl-interess pubbliku.

Kif jittieħed benefiċċju.

12. Għall-finijiet tar-regola 9, l-Korporazzjoni għandha, wara li tiġi ppreżentata applikazzjoni għaldaqstant mill-benefiċjarju, tikkontrofirma l-formola meħtieġa mill-Kummissarju.

Karigi eliġibbli.

13. Għall-finijiet tar-regola 2, l-impjiegi u karigi li huma eliġibbli għar-rata ta' taxxa mnaqqsa huma elenkati fl-Iskeda.

Tmiem fis-seħħ.

14. Dawn ir-regoli ma jibqgħux aktar fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2017.

SKEDA

(Regoli 2 u 13)

Chief Executive Officer

Chief Technical Officer

Chief Creative Officer

Head of Writing

Lead In-World Writer

Lead Game Programmer

Software Engineering Director

Game Developer

Director of Online Community

Head of Art Design and Visualization

Art Director

Digital Artist

Commercial Director (Digital Licensing)

Head of Game Design

Game Director

Game Designer

Audio Director

Video Director

Producer

Head of Marketing